**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 137/97

Carmel Bonnici

vs

Water Works Department u b' digriet tas-17 ta' Frar, 1998 Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u d-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici

Illum 13 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn Mejju u Lulju tal-1987 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit diversi drabi mill-postijiet tax-xoghol tieghu, u gie maqbuz f'ghoti ta' Promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Ftit wara li telgha il-Gvern Nazzjonalista fin-1987 gie trasferit 6 darbiet fuq lantijiet tax-xoghol differenti kif spjegat hawn taht:

Mill-PBX tal-Public Works Department ta' Rahal Gdid fejn kien jahdem bhala Telephone Operator gie mibghut jaqla' l-Posters ta' l-Elezzjoni.

Imbaghad gie mibghut jizbogh il-Bus Shelters.

Imbaghad baghtuh il-Pumping Station tal-Gzira gurnata ma jaghmel xejn.

Wara regghu baghtuh San Pawl il-Bahar jaghmel xoghol fit-trinek inehhi il-materjal minn wara l-Jackhammer.

Wara xi jumejn regghu biddlulu il-post tax-xoghol tieghu u ntbaghat il-Gibjun ta' Hal-Lija fejn gie mqabbad jahdem bil-Jackhammer. Kawz t'hekk f'Novembru tal-1995 ghamel operazzjoni f'idu l-leminijja.

Apparti dan kollu kull meta kien hemm call for applications ghall-promozzjonijiet, huwa dejjem applika, qaghad ghall-interviews izda meta hargu r-rizultati ghal raguni ovvja qatt ma kkwalifika u baqa Skilled Labouer meta shabu kollha li kienu jahdmu mieghu kollha gew promossi.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kkumpensat ghal dak kollu li huwa sofra u tilef, jiehu l-promozzjonijiet li haqqu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma li eccepiet:

1. Illi fl-20 ta' Jannar 1992 id-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma gie sostitwit bil-Korporazzjoni esponenti u ghalhekk jehtieg li ssir il-korrezzjoni fl-okkju tar-rikors billi minflok il-kliem "Water Works Department" jidhol il-kliem "Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma".

2. Illi mir-rikors innifsu jirrizulta li r-rikorrent kien jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala mpjegat tal-Gvern mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u mhux mad-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma, u ghalhekk il-Korporazzjoni esponenti, bhala

successur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma ghandha tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe trasferiment li r-rikorrent nghata kien skond l-esigenzi tad-Dipartiment koncernat u tas-Servizz Pubbliku.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-promozzjonijiet li nghataw fid-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma dejjem inghataw skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-promozzjonijiet li nghataw fil-Korporazzjoni esponenti dejjem inghataw skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' l-Ghazla mahtur ghalhekk.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent mhux jindika l-ebda kaz specifiku fejn hu applika ghal xi promozzjoni u ma kkwalifikax u ghalhekk il-Korporazzjoni irriservat d-dritt li twiegeb ulterjorment jekk u meta r-rikorrent jindika dawn il-kazijiet jew xi wiehed jew aktar minnhom.

6. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-korporazzjoni intimata.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi huwa jaghmel tieghu l-eccezzjonijiet fil-meritu kontenuti fil-paragrafi 3 sa 6 tar-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u jichad illi r-rikorrent kien il-vittma ta' ngustizzja fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Jirrizulta mir-rikors stess illi t-trasferimenti in kwistjoni kienu f'postijiet fejn kien qieghed isir xoghol temporanju u ghalhekk huwa ovvju li wiehed ma setax jibqa' fit-tul. F'dan ir-rigward ir-rikorrent jinvoka l-principji tal-flessibilita' u tal-mobilita' ta' l-impjegat pubbliku.

Fir-rigward tal-promozzjonijiet ir-raguni li qed igib ir-rikorrent, fis-sens li shabu kollha li kienu jahdmu mieghu gew promossi u hu le, trid l-ewwelnett tigi ppruvata u apparti minn hekk ma tikkostitwix prova sufficjenti ta' ngustizzja.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li dahal jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici tlieta u ghoxrin qabel u dan bhala Auxiliary Worker. Wara xi snin kien gie promoss ghall-grad ta' "Skilled Labourer" Group "B" u kien jaghmel xoghol ta' Telephone Operator/Messenger. Gimgha wara l-elezzjoni ta' Mejju 1987 kien trasferit jaghmel xoghol fuq barra kf semma fir-rikors. Semma li zmien minnhom kien trasferit San Pawl il-Bahar fejn kien jahdem bil-jackhammer, xoghol li suppost isir minn persuni bi grad aktar gholi (Group C - qabel ma saret ir-riforma). Billi kien ghadu group "B" irrifjuta li jaghmel dan ix-xoghol u baghatuh jahdem ma' Chargeman iehor biex jassistih fi tqeghid tal-kurduni tal-bankini.

Wara xi gimgha gie trasferit jaghmel xoghol fil-gibjuna ta' Hal-Lija u ghal darb'ohra gie ordnat jaghmel xoghol bil-jackhammer. "Ghall-ewwel jiena ergajt irrifjutajt izda l-persuna nkarigata fuq, Rosario Bonnici, wissieni illi jekk jiena mhux sejjer naghmel hekk, sejjer nerga nigi trasferit ghal post iehor. Jiena kelli nbaxxi rasi u naghmel dan ix-xoghol ghaliex ma stajtx nibqa' niehu aktar "transfers". F'Novembru 1994, minhabba li x-xoghol li kont ili naghmel bil-jackhammer kelli nigi operat f'idi u wara, tlabt li ma nibqax naghmel dan ix-xoghol u gejt mibghut naghmel xoghol fil-workshop li hemm hdejn il-gibjun ta' Hal-Lija u kont naghmel xoghol ta' handyman fosthom qlugh ta' hgieg tal-lampi li saru quddiem ic-Cimiterju tal-Addolorata, zebgha tal-hadid tal-Monument tal-GWU immuntar ta' bankijiet tat-toroq u affarijiet simili u sal-lum ghadni naghmel dan ix-xoghol li huwa xoghol ta' grad oghla minn tieghi."

Kull darba li harget applikazzjoni ghal xi promozzjoni, dejjem applika izda filwaqt li shabu u anke dawk li dahlu warajh mal-Gvern kienu nghataw promozzjoni hu gie imcahhad kull darba li deher quddiem il-Bordijiet ta' Selezzjoni u dan ghax sostna li hu attivist tal-Partit Laburista.

In kontro-ezami r-rikorrent xehed li hu kien jahdem mal-Public Works u mhux mal-Water Works.  Semma li fl-1987 kien jaghmel xoghol ta` messaggier/operator fis-sens  li propjament hu kien skilled labourer pero` ma kellux il-grad ta` messaggier jew telephone operator. Zied li fil-lista ta' xoghol ta' skilled labourer ma jitnizzilx x-xoghol ta` messaggier/operator pero` anqas jitnizzel ix-xoghol bil-jackhammer fuq din il-lista.

Minnfloku spicca certu Victor Galea li kien grad fuqu.  Esebixxa Dokument "XZ" li minnu jirrizulta li kien applika ghall-applikazzjoni fic-cirkolari 5/87 ghall-postijiet fi Groups B, C u D datata 26 ta` Jannar 1987.  F` dik l-okkazjoni anqas biss kienu baghatu ghalih.  Bhala skilled labourer kien Group B.

Kien applika ghal diversi applikazzjonijiet ghax kull darba li hargu l-applikazzjonijiet dejjem applika pero` qatt ma gie accettat ghal xejn u xorta wahda ghadu Group "B" sal-lum il-gurnata. Semma fost dawk li qabzuh lil Carmel Azzoppardi li applika ghal plasterer u tawhielu ghal minor,  Peter Paul Muscat li spicca Group "C" kif ukoll George Camilleri li wkoll minn Group "A" spicca Group "C" u Grazio Gatt li minn Group "B"

spicca Group "C". Peter Paul Muscat u Carmelo Azzoppardi kienu jahdmu mieghu.

Xehed Maurice Mizzi li jahdem bhala Officer in Charge Personnel mal-Water Services Corporation u ikkonferma li r-rikorrent qatt ma kien impjegat la mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u anqas mal-Water Works Department.

Paul Scicluna Ufficjal Ezekuttiv fis-sezzjoni tal-Personnel il-Public Works esebixxa dokument u ikkonferma l-kontenut tieghu. Carmel Bonnici fil-fatt beda bhala labourer mal-Gvern u qieghed General Hand u dana permezz tar-riforma. Grezzju Gatt, George Camilleri, Peter Muscat, u Carmel Azzopardi ilkoll dahlu mieghu bhala Summer Workers fit-18 ta' Gunju, 1975. Il-hamsa ghalhekk kellhom impieg temporanju, izda saru Auxiliary Workers Grupp A. Fl-1981 Bonnici u Azzopardi saru Grupp B, waqt li Gatt, Camilleri, u Muscat baqghu Grupp A u saru Grupp C fl-1990. Gatt u Azzopardi saru Miners fil-5 ta' Lulju, 1990. Ghal din il-kariga ir-rikorrent ma applikax Fl-istess data Camilleri u Muscat lehqu Plasterer and Painter waqt li r-rikorrent gab 26 marka minhabba l-esperjenza li kellhom ghax ir-rikorrent kien jahdem bil-jack hammer. Spjega li xogholu ma kienx jinkludi xoghol specifikament bil-jackhammer.

Ir-rikorrent nghata transfer wiehed f` Gunju tal-1987 fejn gie trasferit minn distrett ghal iehor, jigifieri mid-drainage section ghad-Distrett 14. Id-data kienet 10 ta` Awissu 1987. Meta gie trasferit ma tilef ebda allowance.

Ikkunsidra

Irrizulta car matul il-process li r-rikorrent kien impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u mhux mad-Dipartiment tal-Ilma. Dan xehdu l-istess rikorrent, kif ukoll Maurice Mizzi l-persuna inkarigata mill-Personnel mal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma. Illi ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni u jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez ta' din l-eccezzjoni kontra r-rikorrent.

Dwar it-transfers li r-rikorrent semma dan propjament kien wiehed biss mid-drainage Secrtion ghall-14 Distrett, u r-rikorrent ma tilifx allowances f'dan it-trasferiment. Dan it-Tribunal ma jsibx dan l-ilment gustifikat u jilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur Dipartiment tax-Xogholjiet Pubblici.

Jibqa' l-ilment tar-rikorrent kontra d-Direttur Dipartiment tax-Xogholjiet Pubblici dwar il-fatt li ma hax il-promozzjoni ghal Plasterer and Painter fil-5 ta' Lulju 1990. Irrizulta li r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Gvern ma' nies ohra li spiccaw biex qabzuh. Bazikament li gara hu li fl-1987 wara l-bidla tal-Gvern ir-rikorrent ma baqax jahdem bhala operator izda spicca barra jaghmel xoghol manwali. Mhux hekk biss izda kellu jahdem bil-jack hammer haga li ma tidholx fil-lista ta' duties ta' persuna Grupp B. Hu ma riedx jahdem bil-jack hammar u spicca kien weggha idu. Naturalment ma riedx li joghla fir-rank fl-istess tip ta' xoghol izda ried jilhaq bhala Plasterer and Painter. Ir-raguni

li ma lehaqx kienet li ma kellux esperjenza biz-zejjed izda kien jahdem bil-jack hammer.

Mela fi ftit kliem ir-rikorrent baghta mid-decizzjoni sfurzata fuqu li kellu jaghmel xoghol li mhux suppost li kellu jaghmel. Certament kienet ingustizzja li r-rikorrent kellu kontra l-volonta' tieghu jahdem bil-jack hammar. Dan kien qieghed jahdem xoghol superjuri ghal grad tieghu u ma jithallasx tieghu u dan ghal zmien twil. Minn fuq baghta talli kellu jaghmel dan ghax tqis b'nuqqas ta' esperjenza ghal Plasterer and Painter. Hawn it-Tribunal isib l-gustifikazzjoni tal-ilment tar-rikorrent ghax tirrizulta l-ingustizzja. Spiccaw biex qabzuh nies ohra.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni l-ohra tal-intimat Direttur Dipartiment tax-Xogholjiet Pubblici. Minhabba li l-ilment tar-rikorrent dwar il-promozzjoni huwa gustifikat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u jirrikmanda li r-rikorrent jinghata l-promozzjoni b'effett mill-5 ta' Lulju, 1990 ghal Grupp C – Plasterer and Painter bid-differenza wkoll fil-paga minn dak iz-zmien.

Spejjez kontra l-intimat.